MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2086/2004

**Cutajar Limited (C-4975)
vs
Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm227.15) ammont dovut ghall-merkanzija konsistenti f'HiFi equipment mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta' Lulju, 2004, u bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu, 2003 data ta l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 ta' Frar, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt**

**u fid-dritt stnate li l-ebda ammont m'hu dovut kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ra l-kontro-talba fejn intalab l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00), peress illi s-socjeta` attrici kellha tigbor lura apparat li kien difettuz jew mod iehor fil-valur imsemmi. Illi ghalhekk dan l-ammont jissupera dak mitlub u kellu jsir « partial set off ».**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fis-7 ta' marzu, 2005, fejn intqal illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li s-socjeta` attrici qatt ikkonsenjat xi apparat difettuz lill-konvenut u ghalhekk l-istess kontro-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Cutajar u Joseph Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz qed issir ghall-hlas ta' bilanc fuq merci mibjugha u konsenjata lill-konvenut, u konsistenti f'HiFi equipment. Il-konvenut da parti tieghu ghamel kontro-talba dwar li l-apparat konsenjat kien difettuz.**

**2. Dwar il-kontro-talba ma ngiebet ebda prova tangibbli li l-apparat kien difettuz kif allegat. Anzi jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess li l-apparat kien inbiegh lil terzi li l-konvenut lanqas ma jiftaqar min kienu. L-apparat in kwistjoni, amplifier, kien ittiehed ghand is-socjeta` attrici ghat-tiswija, u l-istess socjeta` attrici ezigiet li tithallas ghat-tiswija peress li ma l-garanzija ma kienetx tkopri. Skond il-konvenut il-klijent tieghu hallas ghat-tiswija.**

**3. Ma hemm ebda prova dwar li l-apparat in kwistjoni kien difettuz kif qed jallega l-konvenut, u ghalhekk il-kontro-talba ghandha tigi respinta.**

**4. Dwar it-talba tas-socjeta` attrici, mid-Dok.A sa Dok.C, jirrizulta il-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut, u dana huwa bilanc minn negozju regolari li kellhom bejniethom il-partijiet. Ghalhekk l-ammont pretiz jirrizulta pruvat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm227.15) bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu, 2003.**
**L-ispejjes tal-kontro-talba u tat-talba, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta' Lulju, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------